**Adeodata**

Ġejt hawn iżżurna
f'post it-tbatija,
ġejt biex tfarraġna
b'qalbek qawwija.
Adeodata!

Ġejt biex tfakkarna
Biex nibqgħu mexjin,
ġejt biex twasslilna
ħajjet il-ħenjin.
Adeodata!

Ġejt biex tlaqqagħna
ilkoll ma' Ġesù,
ġejt biex tħeġġiġna
ngħixu l-virtù.
Adeodata!

Ġejt biex twissina
biex ma nitfixklux,
ġejt biex tgħallimna
biex ma nitħawdux.
Adeodata!

Ġejt biex toħodna
Għas-sagramenti,
ġejt biex tressaqna
għ'l qrara urġenti.
Adeodata!

Ġejt biex tħeġġiġna
'mmorru l-quddiesa,
ġejt biex turina
l-imħabba wiesa'.
Adeodata!

Ġejt biex 'lkoll tgħinna
nitolbu flimkien,
ir-Rużarju li
jbierek kullimkien.
Adeodata!

Ġejt għax int soru
qalbek ħanina,
ġejt biex nitolbu
l-Ħniena Divina.
Adeodata!

Meta tmur lura
ara tinsina,
aqlagħlna l-grazzja
ikkumpatina.
Adeodata!

Hekk jasal jumek
Kanonizzata,
Ngħajtulek: Santa
Adeodata!!!

Patri Mario Attard OFM Cap
3 ta’ Diċembru 2020